KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 21.12.2005
KUMM(2005) 666 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Lejn l-avvanz ta' l-użu sostenibbli tar-riżorsi: Strateġija tematika għall-prevenzjoni u r-riċiklaġġ ta' l-iskart

{SEG(2005) 1681}
{SEG(2005) 1682}

WERREJ

1. Introduzzjoni 3

2. Is-sitwazzjoni preżenti 4

3. L-għanijiet ta' politika ta' l-UE dwar l-iskart li qed tevolvi 6

4. Azzjoni 6

5. X'se jkun l-impatt tat-tibdiliet proposti? 8

6. Is-sitwazzjoni internazzjonali 10

7. Monitoraġġ u evalwazzjoni 11

8. Proċess ta' reviżjoni 11

ANNESS I: Azzjonijiet prinċipali 13

ANNESS II: Dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva 13

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Lejn l-avvanz ta' l-użu sostenibbli tar-riżorsi: Strateġija tematika għall-prevenzjoni u r-riċiklaġġ ta' l-iskart

(Test b'relevanza għall–EEA)

1. INTRODUZZJONI

L-iskart jirrappreżenta sfida ambjentali, soċjali u ekonomika għall-Ewropew. Għal xi wħud, dan iqajjem xbihat negattivi: boroż taż-żibel, żibel fit-toroq u miżbliet ta' skart tossiku. Għal oħrajn l-iskart jippreżenta opportunità - l-isforz Ewropew sabiex tiġi indirizzata l-problema ta' l-iskart b'metodi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent ħoloq impjiegi u opportunitajiet kummerċjali. Is-settur tal-ġestjoni u r-riċiklaġġ ta' l-iskart għandu rata għolja ta' tkabbir u dħul ikkalkolat ta' 'l fuq minn €100 biljun għall-UE tal-25. Barra minn hekk dan juża konċentrazzjoni għolja ta' ħaddiema u jiġġenera bejn 1.2 u 1.5 miljun impjieg. L-industrija tar-riċiklaġġ qed tiġġenera ammonti dejjem jiżdiedu ta' riżorsi għas-settur tal-manifattura: mill-inqas 50% tal-karta u l-azzar, 43% tal-ħġieġ u 40% tal-metall li ma fihx il-ħadid li huma prodotti fl-UE preżentement qed jiġu minn materjal riċiklat.

Fl-aħħar 30 sena l-iskart kien fiċ-ċentru tal-politika ambjentali ta' l-UE u sar progress sostanzjali f'dan il-qasam. *Landfills* u inċineraturi li jniġġsu ħafna qegħdin jiġu mnaddfa. Tekniċi ġodda ġew żviluppati għat-trattament ta' l-iskart perikoluż. L-iskart perikoluż qed jitneħħa mill-vetturi u t-tagħmir elettriku u elettroniku. Il-livelli ta' dijossina u emissjonijiet oħra mill-inċineraturi qed jonqsu.

Mal-mogħdija taż-żmien, l-iskart qed jitqies iktar u iktar bħala riżors prezzjuż għall-industrija. Trattamenti bħall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkuprar ta' l-enerġija qed jibdew jiġu applikati għall-iskart regolat - l-iskart ta' l-imballaġġ, vetturi għall-iskrapjar, l-iskart mit-tagħmir elettriku u elettroniku, l-iskart bijodegredabbli u t-tajers. Il-waqfien tar-rimi ta' l-iskart bijodegradabbli fil-*landfills* u ż-żjieda fl-użu mill-ġdid, ir-reċiklaġġ u l-irkuprar qed jikkontribwixxu għat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Madanakollu, minkejja dawn is-suċċessi, l-iskart għadu problema. Il-volumi ta' l-iskart qed ikomplu jikbru. F'xi każi l-leġiżlazzjoni qed tkun implimentata ftit, filwaqt li hemm differenzi sostanzjali tat-trattament tal-problema fuq livell nazzjonali. Il-potenzjal għall-prevenzjoni ta' l-iskart għadu ma ġiex sfruttat sew. L-għarfien li qed jiġi żviluppat dwar l-impatt ambjentali ta' l-użu tar-riżorsi għadu mhux qed jiġi rifless kif suppost f'politika dwar l-iskart.

Ix-xejriet li mhux sostenibbli fil-ġenerazzjoni ta' l-iskart u l-kwistjonijiet ta' politika huma kawża ta' tħassib peress li l-ġenerazzjoni ta' l-iskart tista' tkun sintomu ta' l-użu ineffiċjenti tar-riżorsi fuq livell ambjentali. Barra minn hekk, il-ġestjoni ta' l-iskart tikkawża emissjonijiet fl-ajru, l-ilma u l-ħamrija, minbarra l-istorbju u fastidji oħra li jikkontribwixxu għall-problemi ambjentali u jħallu spejjeż ekonomiċi.

Barra minn hekk, il-liġi ta' l-UE dwar l-iskart sikwit tibqa' mċajpra minkejja d-deċiżjonijiet passati tal-Qorti, li kienu s-suġġett ta' litigazzjoni konsiderevoli dwar l-interpretazzjoni tagħha. Dan jirriżulta ta' mekkaniżmi regolatorji li jidħlu f'xulxin u inċertezza għall-awtoritajiet kompetenti u l-industrija ta' l-iskart u jista' jtellef investimenti neċessarji.

Meta jiġi kkunsidrat dan kollu, hu ċar li wasal iż-żmien sabiex tiġi analizzata u evalwata il-politika ta' l-UE dwar l-iskart, bil-għan li jinħoloq qafas strateġiku għall-futur. Kif kien stipulat fis-Sitt Programm ta' Azzjoni dwar l-Ambjent, din l-istrateġija tippreżenta miri u tispjega l-mezzi li permezz tagħhom l-UE tista' timxi lejn it-titjib fil-ġestjoni ta' l-iskart.

Dan il-proċess jissimplifika u jiċċara b'mod sostanzjali l-qafas legali preżenti, skond l-objettivi ta' l-EU għal regolazzjoni aħjar. L-iskart ġie identifikat bħala qasam ta' prijorità għas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità [KUMM(2005) 535]. Din l-Istrateġija tispjega l-mezzi inizjali li dan l-ewwel eżerċizzju ta' reviżjoni wera li huma meħtieġa u tistabbilixxi approċċ li l-Kummissjoni se tieħu biex tirregola aħjar il-liġi ta' l-iskart ta' l-UE.

Fl-aħħarnett, l-Istrateġija toħroġ minn leġiżlazzjoni eżistenti u konsultazzjoni estensiva ta' l-partijiet interessati, filwaqt li tidentifika implimentazzjoni totali u effettiva mill-Istati Membri bħala kondizzjoni għall-progress sabiex jiġu milħuqa l-objettivi ppreżentati f'din l-istrateġija.

2. IS-SITWAZZJONI PREŻENTI

Bħalissa fl-UE l-iskart muniċipali jintrema permezz ta' *landfills* (49%), inċinerazzjoni (18%), riċiklaġġ u kompostaġġ (33%). Fl-Istati Membri l-ġodda, fejn saru sforzi u investimenti kbar sabiex jikkonformaw ma' l-*acquis* ta' l-UE, is-sitwazzjoni qiegħda dejjem tevolvi iżda l-użu tal-*landfills* għadu dominanti. Hemm diskrepanzi kbar bejn l-Istati Membri, li jibdew minn dawk li jirriċiklaw l-inqas (90% *landfill*, 10% riċiklaġġ u rkuprar ta' enerġija) u jispiċċaw b'dawk li l-iżjed iħarsu l-ambjent (10% *landfill*, 25% irkuprar ta' enerġija u 65% riċiklaġġ).

Il-politika preżenti ta' l-UE dwar l-iskart hi bbażata fuq kunċett magħruf bħala l-ġerarkija ta' l-iskart. Dan ifisser li, idealment, għandu jkun hemm prevenzjoni tal-ġenerazzjoni ta' l-iskart, dak l-iskart li xorta jiġi prodott jintuża mill-ġdid, riċiklat u rkuprat kemm jista' jkun sakemm dan ikun possibbli, u l-użu tal-*landfills* ikun ta' l-inqas. Il-*landfill* jirrappreżenta l-agħar għażla għall-ambjent peress li dan ifisser telf ta' riżorsi li jista' jsir problema ambjentali fil-futur. Il-ġerarkija ta' l-iskart m'għandhiex titqies bħala regola stretta, speċjalment peress li metodi differenti tat-trattament ta' l-iskart jista' jkollhom impatti ambjentali differenti. Madanakollu, l-għan li nsiru soċjetà li tuża iktar ir-riċiklaġġ u l-irkuprar ifisser li nitilgħu 'l fuq fil-ġerarkija, u nitbiegħdu mill-użu tal-*landfills* u nersqu iktar qrib l-użu tar-riċiklaġġ u l-irkuprar.

Il-qafas legali[1] li fuqu hu bbażat dan it-trattament strateġiku jinkludi leġiżlazzjoni orizzontali dwar il-ġestjoni ta' l-iskart, per eżempju d-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart, id-Direttiva dwar l-Iskart Perikoluż, kif ukoll ir-Regolament dwar il-Ġarr ta' l-Iskart. Dawn tikkomplementahom leġiżlazzjoni iktar dettaljata dwar it-trattament ta' l-iskart u operazzjonijiet tar-rimi, bħad-Direttivi dwar il-*Landfills* u l-Inċinerazzjoni, u leġiżlazzjoni li tirregola l-ġestjoni ta' flussi ta' skart speċifiċi (żjut ta' skart, PCBs/PCTs u l-batteriji). Il-miri tar-riċiklaġġ u l-irkuprar ġew imfassla għal xi flussi ta' l-iskart prinċipali, bħall-imballaġġ, vetturi għall-iskrappjar (ELVs) u l-iskart tat-tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE). Għal

[1] Ara Anness III għall-lista ddettaljata ta' atti legali.

tabella li turi l-leġiżlazzjoni rilevanti ara Anness III li jinsab mehmuż mad-Dokument tas-Servizzi tal-Kummissjoni SEG(2005) 1682.

Minkejja l-progress konsiderevoli li sar, il-volumi ta' l-iskart b'mod ġenerali qed jikbru u l-ammont assolut ta' l-iskart li qed jintrema fil-*landfills* mhux qed jonqos. Bejn l-1990 u l-1995 il-volum totali ta' l-iskart iġġenerat fil-pajjiżi ta' l-UE u l-EFTA żdied b'10% filwaqt li l-PGD żdied b'6.5%. Il-ġenerazzjoni ta' l-iskart solidu muniċipali (SSM) kienet qed tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal din iż-żjieda u dan hu marbut mal-livell ta' l-attività ekonomika hekk kif kemm il-ġenerazzjoni tas-SSM u l-PGD fl-UE ta' 25 żdiedu b'19% bejn l-1995 u 2003. Flussi iżgħar iżda sinifikanti qed jikbru wkoll: il-ġenerazzjoni ta' l-iskart perikoluż żdiedet b'13% bejn l-1998 u 2002 filwaqt li l-PGD żdied b'10%. Hekk kif huma mistennija livelli ogħla ta' tkabbir ekonomiku, hu mistenni li jkompli jikber il-volum u dan se jolqot il-biċċa l-kbira tat-tipi ta' skart. Per eżempju, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tipprevedi li l-iskart tal-karta/kartun, ħġieġ u plastik se jiżdied b'40% sa 2020 meta imqabbel mal-livelli milħuqa fl-1990. L-OECD tipprevedi li l-ġenerazzjoni ta' SSM se tkompli tikber sa 2020 iżda b'rata daqsxejn inqas. Iċ-Ċentru għar-Riċerka Konġunta jipprevedi żjieda fil-ġenerazzjoni ta' SSM ta' 42.5% sa 2020 meta mqabbla mal-livelli milħuqa fl-1995. It-tkabbir ta' SSM fl-10 pajjiżi l-ġodda ta' l-UE hu previst li jiżdied relattivament iktar malajr.

Filwaqt li r-riċiklaġġ u l-inċinerazzjoni qed jiżdiedu, l-ammonti assoluti ta' l-iskart li jintrema fil-*landfills* mhumiex jonqsu minħabba ż–żieda fil-ġenerazzjoni ta' l-iskart. Per eżempju, l-ammont ta' skart tal-plastik li jintrema fil-*landfills* żdied b'21.7% bejn l-1990 u 2002 iżda l-persentaġġ ta' l-iskart tal-plastik mormi fil-*landfills* niżel minn 77% għal 62%.

Dawn ix-xejriet li mhumiex sostenibbli huma parti minnhom ir-riżultat ta' l-implimentazzjoni mhux sodisfaċenti tal-liġijiet dwar l-iskart li parti minnha hi dovuta għal ċerti elementi tal-qafas tal-politika u dak legali li hemm il-lok sabiex jiġu msaħħa.

Hemm għadd ta' problemi ta' **implimentazzjoni**, li jibdew mir-rimi ta' l-iskart f'*landfills* ikkaratterizzati minn ġestjoni ħażina u l-ġarr bejn il-pajjiżi ta' l-iskart perikoluż bi ksur tal-konvenzjonijiet internazzjonali. Definizzjonijiet li mhumiex ċari kif ukoll opinjonijiet differenti dwar kif għandhom jiġu implimentati l-liġijiet m'għenux sabiex itejbu l-implimentazzjoni filwaqt li rriżultaw f'litigazzjoni. Minkejja d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, ċerti aspetti, bħal meta l-iskart ma jibqax ikun skart, għadhom mhux ċari.

Minkejja l-fatt li **l-prevenzjoni ta' l-iskart** kien l-għan l-aktar importanti kemm fil-politika nazzjonali kif ukoll f'dik ta' l-UE dwar il-ġestjoni ta' l-iskart, s'issa sar progress limitat fit-trasformazzjoni ta' dan il-għan f'azzjoni prattika. La l-miri tal-Komunita' u lanqas dawk nazzjonali li ġew imfassla fil-passat ma ġew milqugħa b'mod sodisfaċenti.

Ir-riċiklaġġ u l-irkuprar qed jiżdiedu. Madanakollu, dawn ikopru biss proporzjon limitat ta' l-iskart. Id-Direttivi dwar ir-Riċiklaġġ s'issa ġew immirati lejn flussi ta' skart individwali li ppermettew li l-politika tal-Komunità dwar l-iskart twassal għal tnaqqis ta' l-impatt ambjentali permezz tas-separazzjoni f'ras il-għajn u r-riċiklaġġ tal-flussi ta' l-iskart bħall-batteriji, l-imballaġġ, il-vetturi u l-iskart tat-tagħmir elettriku u elettroniku. Dawn il-flussi dejjem jikbru huma ta' importanza partikolari minħabba n-natura perikoluża u l-kumplessità tagħhom. Madankollu, dawn jirrappreżentaw biss proporzjon limitat ta' l-iskart totali ġġenerat.

Barra minn hekk, filwaqt li l-ammont ta' skart li qed jiġi rriċiklat qed jiżdied, jeżistu biss standards ta' trattament għal-*landfills* u l-inċineraturi u, parzjalment, għar-riċiklaġġ. Dan iqajjem problema ambjentali peress li xi faċilitajiet ta' riċiklaġġ jistgħu jniġġsu jekk mhumiex

operati kif suppost. L-istandards huma meħtieġa mhux biss għall-ħarsien ta' l-ambjent iżda wkoll għal raġunijiet kummerċjali - sabiex jiġu promossi l-istess kriterji għall-materjal riċiklat.

F'dan il-kuntest, il-preparamenti għal din l-Istrateġija Tematika involvew verifika sħiħa tas-sitwazzjoni preżenti u l-identifikazzjoni tal-problemi u l-kwistjonijiet. Din wasslet għall-proposti mfassla hawn taħt għal trattament aktar wiesa' tal-prevenzjoni u r-riċiklaġġ ta' l-iskart.

3. L-GĦANIJIET TA' POLITIKA TA' L-UE DWAR L-ISKART LI QED TEVOLVI

Il-politika ta' l-UE dwar l-iskart għandha l-potenzjal li tikkontribwixxi għat-tnaqqis ġenerali ta' l-impatt ambjentali negattiv ta' l-użu tar-riżorsi. Il-prevenzjoni tal-ġenerazzjoni ta' l-iskart u l-promozzjoni tar-riċiklaġġ u l-irkuprar ta' l-iskart se jżidu l-effiċjenza tar-riżorsi ta' l-ekonomija Ewropea u jnaqqsu l-impatt ambjentali negattiv ta' l-użu tar-riżorsi. Din se tikkontribwixxi għall-manuntenzjoni tal-bażi tar-riżorsi li hu essenzjali għal tkabbir ekonomiku sostnut.

L-għanijiet bażiċi tal-politika ta' l-UE preżenti dwar l-iskart - il-prevenzjoni ta' l-iskart u l-promozzjoni ta' l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u l-irkuprar sabiex -jonqos l-impatt ambjentali negattiv - **għadhom validi u se jkunu appoġġjati minn dan it-trattament ibbażat fuq l-impatt**.

L-għan fuq żmien twil huwa li l-UE ssir soċjeta li tirriċikla, li tfittex li tevita l-iskart u li tuża l-iskart bħala riżors. Permezz ta' l-applikazzjoni ta' standards għolja ta' referenza ambjentali, is-suq intern se jiffaċilita r-riċiklaġġ u l-attivitajiet ta' rkuprar.

4. AZZJONI

Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, u b'hekk jinkiseb livell ogħla ta' ħarsien ambjentali, il-proposta hi li jiġi aġġornat il-qafas legali eżistenti, jiġifieri li tiġi introdotta analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja fit-tfassil tal-politika u li tiġi ċċarata, issimplifikata u mtejba l-liġi ta' l-UE dwar l-iskart. Dan se jikkontribwixxi sabiex jingħelbu l-problemi preżenti ta' implimentazzjoni u li l-UE taqbad b'mod deċisiv it-triq li twassal għal soċjetà effiċjenti f'dak li hu r-riċiklaġġ ekonomiku u effiċjenti fuq livell ambjentali. Il-livell preżenti ta' ambizzjoni ambjentali se jinżamm u jittejjeb filwaqt li jipprovdi bażi għal tkabbir sostenibbli.

Dan jeħtieġ kombinazzjoni ta' miżuri li jippromwovu l-prevenzjoni ta' l-iskart, ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid b'tali mod li jwasslu għall-akbar tnaqqis possibbli fl-impatt akkumulat matul iċ-ċiklu tal-ħajja tar-riżorsi, inkluż:

– **Tiġdid ta' l-enfasi fuq l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni eżistenti**. Jeżistu problemi differenti ta' implimentazzjoni fl-Istati Membri kollha, li jvarjaw mill-eżistenza li għadha għaddejja ta' *landfills* illegali f'għadd ta' Stati Membri sa differenzi ta' interpretazzjoni fi Stati oħra. Parti minn din is-strateġija hi mfassla sabiex jitneħħew ambigwitajiet, jiġu solvuti tilwimiet dwar interpretazzjonijiet u tiġi emendata leġiżlazzjoni li għadha ma ġabitx il-vantaġġi ambjentali mistennija. Il-Kummissjoni se tuża l-Kumitat tal-Ġestjoni ta' l-Iskart bħala l-forum għall-bdil ta' l-informazzjoni u l-aħjar prattika kif ukoll sabiex jitqajmu diffikultajiet ta'

implimentazzjoni. Hi se tkompli tieħu passi legali sabiex jiġi żgurat l-infurzar ugwali ta' l-*acquis* fl-Istati Membri kollha.

– **Simplifikazzjoni u modernizzazzjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti** fejn l-esperjenza wriet li din hi neċessarja għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi filwaqt li jinżamm il-livell ta' ħarsien ambjentali, konformi ma' għanijiet ta' regolament aħjar. Dan se jirriżulta f'leġiżlazzjoni dwar l-iskart li tkun effiċjenti f'termini ta' prezz u jinvolvi għadd ta' miżuri. L-ewwelnett, emenda tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart li tinkorporaha fid-Direttivi dwar l-Iskart Perikoluż, l-introduzzjoni ta' mentalità bbażata fuq iċ-ċiklu tal-ħajja, jiġi ċċarat meta l-iskart ma jibqax ikun skart u d-definizzjonijiet ta' rkuprar u rimi, l-introduzzjoni ta' definizzjoni ta' riċiklaġġ u s-soluzzjoni tal-problema ta' partijiet komuni f'biċċiet differenti ta' leġiżlazzjoni dwar l-iskart jew aspetti ambjentali oħra. It-tieninett, l-abrogazzjoni tad-Direttiva dwar Iż-Żjut ta' Skart u t-trasferiment tad-dispożizzjonijiet tagħha dwar il-ġbir taż-żjut ta' skart fid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart. It-tieletnett, proposta fl-2006 sabiex jiġu kkonsolidati t-tliet Direttivi dwar l-iskart mill-industrija tad-dijossidu tat-titanju. Ir-rabanett, minbarra l-proposti adottati flimkien ma' din l-Istrateġija, fil-kuntest ta' reviżjoni kontinwa u sistematika tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart ta' l-UE, il-Kummissjoni se tevalwa l-bżonn għall-mezzi addizzjonali biex l-għanijiet ta' regolament aħjar u ta' simplifikazzjoni jlaħħqu iktar mal-perjodu ta' żmien ippjanat fil-Komunikazzjoni KUMM(2005) 535. Se tinkludi, *inter alia*, ir-reviżjonijiet li jmiss dalwaqt meħtieġa mid-direttivi ta' l-iskart, bħar-reviżjoni ta' l-2006 tad-Direttiva dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw u r-reviżjoni ta' l-2008 tad-Direttiva dwar l-iskart tat-tagħmir elettriku u elettroniku, u r-reviżjoni tas-sistema tat-terminoloġija ta' l-iskart. Fl-aħħarnett, bl-eżistenza ta' standards komuni proposti permezz ta' din l-Istrateġija, se jkun hemm opportunitajiet ġodda għal sistema regolatorja simplifikata għall-ġarr ta' l-iskart li jħeġġeġ aktar ir-riċiklaġġ u l-irkuprar ta' l-iskart.

– **L-introduzzjoni ta' mentalità bbażata fuq iċ-ċiklu tal-ħajja fil-politika dwar l-iskart.** Il-politika ambjentali kkonċentrat tradizzjonalment fuq il-fażijiet tal-bidu u dawk ta' l-aħħar taċ-ċiklu tal-ħajja: l-estrazzjoni, l-ipproċessar u l-manifattura fuq naħa u l-ġestjoni ta' l-iskart fuq naħa oħra. Issa hu fatt rikonoxxut li l-impatt ambjentali ta' ħafna riżorsi hu sikwit marbut mal-fażi ta' l-użu[2]. Il-fażijiet kollha fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' riżors għandhom ikunu kkunsidrati peress li jista' jkun hemm kontrobilanċi bejn fażijiet differenti u miżuri adottati li jnaqqsu l-impatt ambjentali f'fażi waħda jistgħu jżidu l-impatt f'fażi oħra. Hu fatt ċar li l-politika dwar l-ambjent jeħtieġ li tiżgura li jkun minimizzat l-impatt ambjentali matul iċ-ċiklu ta' ħajja intier tar-riżorsi. Bl-applikazzjoni tat-trattament taċ-ċiklu tal-ħajja, il-prijoritajiet jistgħu jiġu identifikati b'mod aktar faċli u l-politika tista' tiġi mmirata b'mod aktar effikaċi sabiex jinkiseb l-akbar vantaġġ possibbli għall-ambjent meta jitqies l-isforz li jkun sar.

L-istrateġija taċ-ċiklu tal-ħajja se tiġi inkorporata fil-leġiżlazzjoni ta' l-UE billi jiġu ċċarati l-għanijiet tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart sabiex dawn jikkunsidraw b'mod espliċitu il-perspettiva taċ-ċiklu tal-ħajja. Dan se jkollu konsegwenzi sinifikanti għat-tfassil ta' politika ġdida u l-prinċipji tal-ġestjoni ta' l-iskart u l-prattika fil-futur. Ir-revizjonijiet riċenti tal-miri tar-riċiklaġġ u l-irkuprar għall-iskart tal-materjal ta' l-imballaġġ kienu l-ewwel eżempju ta' l-

---

2 KUMM(2003) 302 - Politika dwar il-Prodott Integrat.

użu ta' ħsieb dwar iċ-ċiklu tal-ħajja fit-tfassil tal-politika. Miri ġodda jitfasslu għal kull materjal konċernat permezz ta' l-analiżi ta' l-impatt ambjentali u ekonomiku fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott. Ir-reviżjoni tal-ġestjoni ta' l-iskart taż-żejt jirrappreżenta qasam ieħor fejn ġiet applikata mentalità bbażata fuq iċ-ċiklu tal-ħajja.

– **Il-Promozzjoni ta' politika aktar ambizzjuża dwar il-prevenzjoni ta' l-iskart** billi jiġu ċċarati l-obbligazzjonijiet ta' l-Istati Membri sabiex jiżviluppaw programmi għall-prevenzjoni ta' l-iskart li jkunu disponibbli pubblikament. Fuq il-livell ta' l-UE il-Kummissjoni se tippromwovi l-użu tad-Direttiva IPPC, IPP u strumenti oħra sabiex tinfirex l-aħjar prattika.

– **Għarfien u informazzjoni aħjar** li jsaħħu l-iżvilupp kontinwu tal-politika dwar il-prevenzjoni ta' l-iskart.

– **L-Iżvilupp ta' standards ta' referenza komuni għar-riċiklaġġ.** Bil-għan li jiġi żgurat li s-suq intern jiffunzjona kif suppost għar-riċiklaġġ, skond il-proposta se jitqiegħdu standards ma' l-Istati tal-Komunità kollha għall-attivitajiet ta' riċiklaġġ u materjal riċiklat sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' ħarsien ambjentali u tixxejjen it-theddida tad-*dumping* ambjentali. Dan it-trattament se jkun ibbażat fuq l-emendi li saru lid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart u d-Direttiva IPPC. Dan it-trattament se jkun applikat għall-bijoskart bħala prijorità.

– **Aktar elaborazzjoni tal-politika ta' l-UE dwar l-iskart.** Metodi ġodda sabiex jitkattar ir-riċiklaġġ, ibbażati fuq l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-iskart eżistenti ta' l-UE, se jiġu mfittxija. Se titwettaq analiżi tal-possibilità u vijabilità fil-medda t-twila ta' trattament li jispeċifika l-materjal. L-Istati Membri se jkunu mħeġġa li jagħmlu aktar użu ta' strumenti ekonomiċi u jbiddlu l-aħjar prattiċi permezz ta' koordinazzjoni aħjar fi ħdan il-Kumitat dwar il-Ġestjoni ta' l-Iskart.

L-azzjoni u t-tibdiliet proposti huma mfissra f'aktar dettall f'Anness I, li jagħti wkoll kalendarju indikattiv għall-preżentazzjoni tad-diversi proposti sabiex titwettaq l-Istrateġija Tematika.

5. X'SE JKUN L-IMPATT TAT-TIBDILIET PROPOSTI?

Din l-Istrateġija Tematika hi mistennija li jkollha implikazzjonijiet għall-prattika kurrenti fl-Istati Membri u li toħloq opportunitajiet ġodda għall-alternattivi tal-ġestjoni ta' l-iskart minflok ir-rimi fil-*landfills*, biex b'hekk jiġi mħeġġeġ avvanz fil-ġerarkija ta' l-iskart. Dawn qed jidhru fil-qosor hawn taħt (għal iktar dettall ara l-Valutazzjoni ta' l-Impatt li ħarġet ma' din l-istrateġija).

Inqas rimi fil-*landfills*

L-azzjoni li ttieħdet taħt l-Istrateġija Tematika se tikkontribwixxi sabiex ikomplu jitwaqqfu l-flussi ta' skart li jintremew fil-*landfills*. L-aċċent iżjed qawwi fuq l-implimentazzjoni u l-promozzjoni ta' strumenti ekonomiċi se jgħinu sabiex il-prezzijiet tar-rimi fil-*landfills* jogħlew u jilħqu livell li jirrifletti aħjar l-impatt ambjentali veru ta' dan il-metodu ta' ġestjoni ta' l-iskart, bir-riżultat li anqas skart jintrema fil-*landfills*. Madanakollu, peress li dan il-metodu ta' ġestjoni ta' l-iskart għadu s-soluzzjoni unika f'ħafna Stati Membri, it-tbegid mir-rimi fil-*landfills* se jieħu ż-żmien. Barra minn hekk, fil-każ ta' xi tipi ta' skart, ir-rimi fil-*landfills* jista'

jkun l-unika għażla vijabbli. L-Istati Membri l-ġodda se jkollhom bżonn iż-żmien sabiex jibnu infrastruttura alternattiva u jindirizzaw dak li wirtu mill-passat.

L-ammonti ta' skart li qed jintrema fil-*landfills* fl-UE se jiġu eżaminati f'2010. Jekk jirriżulta li l-ammonti u t-tipi ta' skart li qed jintremew fil-*landfills* jibqgħu inaċċettabbli, u l-użu ta' alternattivi oħra mhux qed isir malajr biżżejjed, aktar projbizzjonijiet fuq l-użu tal-*landfills* huma previsti.

Aktar kompostaġġ u rkuprar ta' enerġija mill-iskart

Hekk kif jonqos ir-rimi ta' l-iskart fil-*landfills*, se jiżdiedu l-alternattivi li jinsabu iktar 'il fuq fil-ġerarkija ta' l-iskart, u dan kollu jkun ta' gwadann għall-ambjent.

L-iżvilupp ta' punti ta' referenza fil-kwalità għall-faċilitajiet ta' kompostjar u l-kompost se jżidu l-prospetti tal-kompostjar.

Fejn tiġi rkuprata l-enerġija mill-iskart, l-Istrateġija se żżid l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. Il-Kummissjoni qed tipproponi l-użu ta' limiti ta' effiċjenza għall-klassifikazzjoni tat-trattament ta' l-iskart fl-inċineraturi muniċipali bħala rkuprar jew rimi. Dan se jgħin ukoll l-UE sabiex tilħaq il-miri tagħha taħt id-Direttiva fejn tidħol il-promozzjoni ta' l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu.

L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu fuq dik li hi l-aħjar alternattiva mil-lat ambjentali fiċ-ċirkostanzi attwali.

Iktar riċiklaġġ u aħjar

Il-ħames snin li ġejjin se jkunu perjodu importanti fejn tidħol l-implimentazzjoni tad-Direttivi dwar ir-Riċiklaġġ. Bl-introduzzjoni ta' standards ta' kwalità minima għal ċerti faċilitajiet ta' riċiklaġġ, hu mistenni titjib sinifikanti, mis-sitwazzjoni preżenti fejn minn 8% sa 10% biss ta' l-iskart hu kopert mill-istandards ta' kwalità minima għal sitwazzjoni fejn hi koperta parti sostanzjali ta' skart għar-riċiklaġġ. Din il-koperta se tiġi adattata skond ir-riskju ambjentali. Dan se jiżgura li hekk kif ir-riċiklaġġ isir l-għażla aktar preferuta għall-iskart, l-impatt ambjentali tiegħu jiġi kkontrollat u jinħolqu l-kondizzjonijiet tas-suq li jippermettu li jkompli r-riċiklaġġ bir-ritmu preżenti.

L-istandards ta' kwalità għar-riċiklaġġ se żżid id-domanda għall-materjal riċiklat u l-aċċettabilità tiegħu. Dan se jidderieġi l-flussi ta' l-iskart lejn ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid. Barra minn hekk, suq intern aktar favorevoli għar-riċiklaġġ ibbażat fuq l-istandards ta' l-UE se jippermetti li jsir ir-riċiklaġġ fejn dan ikun l-iktar effiċjenti. Dan se jnaqqas l-ispejjeż u b'hekk jiffaċilita r-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid.

Ir-riċiklaġġ ta' għadd ta' materjal bħalissa sejjer tajjeb, bi prezzijiet għolja fis-suq iwasslu għal tkabbir fir-rati tar-riċiklaġġ. Per eżempju, l-użu ta' l-iskart tal-karta għall-produzzjoni ta' karta ġdida rdoppja bejn l-1991 (25%) u 2004 (50%). Għall-materjal ieħor, jidher li hemm ostakli li mhumiex jippermettu l-iżvilupp totali tas-suq tar-riċiklaġġ, u bħalissa għaddej xogħol sabiex dawn jitneħħew. Is-sitwazzjoni mhux se tkun studjata qabel 2010. Jekk ir-riċiklaġġ tal-materjal li jwassal għal vantaġġ ambjentali mhux qed isir, tista' tittieħed azzjoni oħra li tikkonċentra fuq il-materjali, bl-użu ta' l-istrument ta' politika l-iktar xieraq (strument ekonomiku, responsabbiltà tal-produttur, projbizzjoni tal-*landfills*, kollezzjoni jew miri ta' riċiklaġġ).

Vantaġġi prinċipali u impatti pożittivi

Dawn l-isforzi għandhom il-potenzjal li jtejbu l-effikaċità tal-prezz tal-politika ta' l-UE dwar l-iskart u jwasslu għal vantaġġi ambjentali u soċjali sinifikanti:

– il-politika dwar l-iskart se tiffoka aktar fuq l-impatt ambjentali biex b'hekk issir aktar effiċjenti u effikaċja fil-prezz;

– il-firxa regolatorja ta' l-attivitajiet tal-ġestjoni ta' l-iskart se jitjiebu, bir-riżultat li jitnaqqsu l-ispejjeż u l-barrieri għall-attivitajiet ta' riċiklaġġ u rkuprar;

– politika ta' prevenzjoni ta' l-iskart se tiġi mwettqa fuq livell nazzjonali, sabiex tkun żgurata l-ogħla effiċjenza ambjentali u ekonomika u tiġi promossa l-azzjoni l-iktar qrib lejn il-lok tal-ġenerazzjoni ta' l-iskart;

– żjidiet fl-irkuprar se jwasslu għal tnaqqis ta' emissjonijiet mir-rimi ta' l-iskart u vantaġġi ambjentali bħat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Eżempji kwantifikati ta' dawn l-impatti pożittivi huma:

– iktar skart muniċipali li minflok ma jintrema fil-*landfills* jiġi kkompostat, riċiklar u rkuprar ta’ enerġija jista' jipproduċi iżjed tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' bejn 40 u aktar minn 100 Mt CO_2 ekwivalenti fis-sena;

– il-kjarifikazzjoni dwar meta l-iskart ma jibqax ikun skart tista' twassal għal tnaqqis ta' parti mill-ispejjeż amministrattivi relatati mal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart. Per eżempju, is-settur tar-riċiklaġġ taż-żrar jikkalkola li dawn l-ispejjeż jilħqu 1% tad-dħul;

– żjieda fir-riċiklaġġ toħloq l-impjiegi: ir-riċiklaġġ ta' 10 000 tunnellata ta' skart jeħtieġ sa 250 impjieg, imqabbla ma' 20 sa 40 impjieg meħtieġa jekk l-iskart ikun inċinerat, u 10 impjiegi jekk jintrema ġo *landfill.* Meta jiġi kkunsidrat it-tnaqqis fil-ħolqien ta' l-impjiegi fl-estrazzjoni u l-produzzjoni tal-materja prima dan għandu jwassal għall-ħolqien limitat ta' l-impjiegi.

6. IS-SITWAZZJONI INTERNAZZJONALI

Il-biċċa l-kbira ta' l-ekonomiji żviluppati u għadd ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw qed jippruvaw jilħqu l-għan tat-titjib tal-ġestjoni ta' l-iskart. Pajjiżi li għandhom sistemi ta' ġestjoni ta' skart inqas żviluppati s-soltu jimmiraw għal titjib fil-prattika bażika tal-ġestjoni ta' l-iskart, speċjalment fejn jidħol ir-rimi ta' l-iskart muniċipali fil-*landfills* u l-ġestjoni ta' l-iskart perikoluż. Pajjiżi b'sistemi ta' ġestjoni aktar maturi jfittxu l-prevenzjoni tal-ġenerazzjoni ta' l-iskart u ż-żjieda tar-riċċiklaġġ u l-irkuprar ta' l-iskart.

L-iżjed inizzjattivi importanti li qed jittieħdu fuq livell internazzjonali huma l-Konvenzjoni dwar il-kontroll ta’ movimenti trans-fruntieri ta’ skart perikoluż u tad-disponiment tiegħu (il-Konvenżjoni ta’ Basel) u x-xogħol ta' l-OECD dwar il-kontroll tal-ġarr ta' l-iskart u t-tfassil ta' punti ta' referenza maqbula fuq livell intrernazzjonali għall-ġestjoni ta' l-iskart adattata mil-lat ambjentali. Dan hu intiż, fost affarijiet oħra, li jsaħħaħ il-kapaċitajiet istituzzjonali u mhux istituzzjonali fil-ġestjoni ta' l-iskart fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-UE qed tikkontribwixxi

għall-ħolqien ta' sistema ta' kontroll fuq livell internazzjonali permezz tal-politika tagħha u b'mod partikolari ir-regolament li ħarġet dwar il-ġarr ta' l-iskart li hu intiż li jiżgura livell għoli ta' ħarsien ambjentali.

Dan l-aħħar, fuq l-instigazzjoni tal-Ġappun, il-pajjiżi tal-G8 bdew ix-xogħol fuq it-tnaqqis, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' l-iskart.

Eżempji ta' politka żviluppata minn pajjiżi oħra industrijallizati:

– Il-Ġappun għandu leġiżlazzjoni estensiva relatata ma' l-iskart u politika oħra sostenibbli ta' produzzjoni u konsum taħt it-tliet prinċipji tat-tnaqqis, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ. Dawn jinkludu liġijiet li jfasslu miri għall-prevenzjoni ġenerali ta' l-iskart, ir-riċiklaġġ ta' l-iskart u li jiġi evitat ir-rimi finali. Il-Ġappun se jipprova jilħaq il-mira tar-riċiklaġġ ta' 24% ta' l-iskart muniċipali u l-limitazzjoni tar-rimi finali sa 50%. Barra minn dawn il-miri, il-Ġappun żviluppa għadd ta' liġijiet dwar ir-riċiklaġġ, uħud minnhom li jirreflettu l-għanijiet tad-Direttivi ta' l-UE dwar ir-Riċiklaġġ (dwar l-imballaġġ, WEEE u ELV), oħrajn fuq affarijiet mhux koperti minn leġiżlazzjoni ta' l-UE (materjal ta' kostruzzjoni u ikel). Fuq livell lokali, xi gvernijiet lokali jimponu ħlasijiet għat-trattament ta' l-iskart kif ukoll taxxi fuq l-iskart industrijali li jintrema fil-*landfills*.

– L-Istati Uniti ta' l-Amerika għandu politika żviluppata kemm fuq il-livelli Federali kif ukoll dak ta' l-Istati. Il-gvern Federali ffissa mira indikattiva għall-medda t-twila ta' rata ta' riċiklaġġ nazzjonali ta' 33% ta' l-iskart muniċipali u qed isostni dan permezz ta' programmi li l-biċċa l-kbira minnhom huma volontarji. Dan jinkludi sforzi sabiex jitkattar id-disinn għaqli u jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-prodotti. Għadd ta' Stati żviluppaw leġiżlazzjoni li tirristrinġi r-rimi fil-*landfills* u tippromwovi r-riċiklaġġ ta' diversi flussi ta' skart, inkluża leġiżlazzjoni li tirrifletti l-għanijiet tad-direttivi ta' l-UE dwar ir-Riċiklaġġ (dwar l-imballaġġ u WEEE). Qed tingħata attenzjoni lil-livell għoli ta’ ġenerazzjoni ta’ skart muniċipali.

– Iċ-Ċina għaddiet għadd ta' liġijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ġestjoni ta' l-iskart. B'mod partikolari dawn għandhom l-għhan li jippromwovu "l-ekonomija ċirkolari". Bħalissa ċ-Ċina qed tfassal pjanijiet fil-medda tan-nofs u l-medda t-twila għall-iżvilupp ta' dan il-kunċett. Fiċ-Ċina hemm ukoll domanda li qed tikber għall-materjali li jistgħu jiġu riċiklati. Minħabba f'hekk, dan l-aħħar saret pressjoni fuq is-swieq għal dawn il-materjali li mistenni titqawwa fil-futur.

7. Monitoraġġ u evalwazzjoni

L-istrateġija se tkun immonitorjata fuq bażi kontinwa. Dan se jeħtieġ sforz kontinwu għat-titjib fl-Istatistika dwar il-*landfills* u r-riċiklaġġ u l-kostruzzjoni ta' bażi ta' għarfien aktar b'saħħitha għhall-impatt ambjentali u l-indikaturi ta' l-impatt. Il-valutazzjoni tal-politika nazzjonali dwar l-iskart, l-analiżi tar-rapporti ta' l-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni u l-konsultazzjoni kontinwa ta' l-partijiet interessati se jagħtu sehemhom f'dan.

8. Proċess ta’ reviżjoni

Fl-2010, il-Kummissjoni se tirrevedi l-progress lejn il-kisba ta' l-għan ta' l-istrateġija li jkun sar. B’mod partikolari, din ir-reviżjoni se tevalwa l-progress fuq il-politika ta’ prevenzjoni ta’

l-iskart bl-implimetazzjoni tal-mentalità bbażata fuq iċ-ċiklu tal-ħajja għall-ġestjoni ta' l-iskart – inkluż il-ġestjoni tal-bijoskart - u l-progress lejn soċjetà Ewropea li tirriċikla u se żżid ma' l-evalwazzjoni finali tas-Sitt Programm ta' Azzjoni dwar l-Ambjent.

ANNESS I: Azzjonijiet prinċipali

1. SIMPLIFIKAZZJONI U AĠĠORNAR TA' LEĠIŻLAZZJONI EŻISTENTI

Id-definizzjoni ta' l-iskart

Id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart tiddefinixxi l-iskart bħala prodotti jew materjali li jintremew. Fid-dawl tal-konsultazzjoni estensiva mal-partijiet interessati, il-Kummissjoni kkonkludiet li mhemmx il-bżonn li d-definizzjoni ta' l-iskart tiġi emendata b'mod sostanzjali, Iżda jeħtieġ li jiġi ċċarat meta skart ma jibqax ikun skart (u jsir materja prima sekondarja). Għalhekk, qed tiġi proposta emenda għad-Direttiva li tistabbilixxi kriterji ambjentali bbażati fuq il-fluss ta' l-iskart sabiex ikun determinat meta skart ma jibqax ikun skart. Dan jista' jwassal għal titjib fl-effiċjenza ambjentali tal-prodotti riċċiklati, billi s-settur kummerċjali jiġi mħeġġeġ li jipproduċi prodotti riċiklati li jimxu ma' dawn il-kriterji ambjentali, u jitnaqqsu l-piżijiet bla bżonn fuq attivitajiet ta' riċiklaġġ li huma ta' riskju baxx. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tippubblika Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li se tinkludi linji gwida, bbażata fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u li tindirizza l-kwistjonijiet tal-prodotti sekondarji f'setturi ta' l-industrija rilevanti dwar meta l-prodotti sekondarji għandhom jew m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala skart bil-għan li tiġi ċċarata s-sitwazzjoni legali għall-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet kompetenti. Matul il-verifika ta' l-istrateġija fl-2010, il-Kummissjoni se tevalwa l-effikaċja tal-linji gwida.

Id-definizzjoni kurrenti ta' l-iskart ma tistabbilixxi l-ebda limitu ċar dwar meta l-iskart ikun ġie ttrattat b'mod adegwat u b'hekk għandu jiġi kkunsidrat bħala prodott. Dan il-fattur hu problematiku peress li joħloq inċertezza legali u spejjeż amministrattivi għas-settur kummerċjali u l-awtoritajiet kompetenti. Jista' jwassal ukoll għal opinjonijiet diverġenti bejn l-Istati Membri u anki bejn ir-reġjuni, bir-riżultat li jitfaċċjaw problemi għas-suq intern. Barra minn hekk, qed idur fis-suq materjal riċiklat ta' kwalità inferjuri li jikkaġuna diffikultajiet kemm għax-xerrejja potenzjali kif ukoll għall-bejjiegħa ta' reputazzjoni tajba.

Diskussjonijiet mal-partijiet interessati u ma' l-Istati Membri kif ukoll analiżi tal-Kummissjoni żvelaw li għadd relattivament żgħir ta' flussi ta' skart tikkonċernahom din il-kwistjoni. Dan ifisser li hu possibbli li jiġu magħżula dawk il-flussi ta' skart li għalihom jeħtieġ li jitfasslu kriterji fuq il-bażi tal-vantaġġ potenzjali ambjentali u ekonomiku. L-ewwel mewġa ta' flussi ta' skart li se tiġi indirizzata minn din is-sistema se tinkludi kompost, żrar riċiklat, u skond ir-riżultat ta' l-istudju dwar l-impatti ambjentali li għaddej bħalissa, l-użu ta' xaħam tad-dam bħala fjuwil.

Il-Kummissjoni qed tipproponi trattament li jinqasam fi tnejn għal din il-kwistjoni : l-ewwelnett fid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart tiġi stabbilita l-proċedura għall-adozzjoni tal-kriterji, u t-tieninett, jiġu proposti flussi ta' skart speċifiċi għal din is-sistema, magħżula fuq il-bażi tal-vantaġġ ambjentali u ekonomiku. Il-Kummissjoni se twettaq studji u tikkonsulta mal-partijiet interessati qabel ma toħroġ bi proposta.

Dan it-trattament għandu jwassal għal:

– effiċjenza ambjentali aħjar tal-prodotti riċiklati hekk kif l-operaturi ekonomiċi ifittxu li jilħqu l-livell meħtieġ sabiex il-prodott riċiklat tagħhom ma jibqax jitqies bħala skart;

– ċertezza akbar għax-xerrejja tal-prodotti jew materjali riċiklati;

– is-simplifikazzjoni regolatorja għall-iskart ta' riskju baxx li jintuża bħala materjal sekondarju.

Prekondizzjoni għall-implimentazzjoni ta' dan it-trattament hi l-istabbiliment ta' kriterji ambjentali fuq livell għoli sabiex jitnaqqas ir-riskju ambjentali. Minbarra l-kriterji ambjentali, se jkun hemm ukoll il-bżonn li jiġu stabbiliti kriterji li jistabbilixxu kemm prodott ikun tajjeb għall-użu sabiex ikun żgurat li l-prodotti riċiklati jistgħu jsibu suq vijabbli. Dawn il-kriterji jistgħu jittieħdu minn standards eżistenti tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardazzjoni (CEN) jew sorsi simili.

Firxa ta' fatturi se jiġu kkunsidrati fl-għażla tal-flussi ta' skart u t-tfassil tal-kriterji. Notevolment, dawn jinkludu r-riskju li l-prodott riċiklat jista' jintuża b'mod mhux xieraq, jew jinġarr 'il barra mill-UE għal użu fittizju, jew inkella jkollu impatt ambjentali li l-klassifikazzjoni tiegħu bħala skart kienet tostakola. Fattur ieħor hu l-eżistenza ta' suq vijabbli għall-prodott riċiklat rilevanti. Il-Kummissjoni se tqis dawn il-fatturi qabel ma tipproponi flussi ta' skart u kriterji.

Id-definizzjoni ta' l-irkuprar u attivitajiet ta' rimi

Il-problema preżenti ewlenija tad-definizzjonijiet ta' l-irkuprar u r-rimi fid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart hi li dawn jintużaw għal skopijiet differenti. Fid-Direttivi ta' Riċiklaġġ dawn jintużaw sabiex jitfasslu miri u fir-Regolament dwar il-Ġarr ta' l-Iskart jintużaw sabiex jiġi determinat jekk ir-regoli tas-suq intern japplikawx għall-iskart li jinġarr.

Idealment dawn jintużaw biss għat-tfassil ta' miri u sistema aktar sempliċi tintuża għall-ġarr ta' l-iskart. Madanakollu, minħabba ċertu vojt f'standards eżistenti Ewropej dwar il-ġestjoni ta' l-iskart u minħabba l-bżonn ta' strutturi u politika tal-ġestjoni ta' l-iskart li jindraw, għadu kmieni wisq għhal dan it-tibdil fil-leġiżlazzjoni.

Id-definizzjonijiet li jidhru fil-leġiżlazzjoni preżenti, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, ma jippromwovux l-aħjar prattika ambjentali, per eżempju fl-irkuprar ta' l-enerġija mill-iskart fl-inċineraturi muniċipali. Il-Kummissjoni tqis li hemm bżonn ta' definizzjoni aktar fonda u għalhekk se tipproponi emenda għad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart li se tibbaża d-definizzjoni ta' l-irkuprar fuq il-kunċett tas-sostituzzjoni tar-riżorsi fl-ekonomija, u mhux fl-impjant speċifiku. Barra minn hekk, l-emenda se tippermetti li jiġu trattati kwistjonijiet ambjentali li jitqajmu minn teknoloġiji u prassi ġodda, skond il-każ partikolari, permezz ta' proċedura ta' kumitat.

Il-Kummissjoni qed tipproponi li jiġi introdott l-użu ta' limiti ta' effiċjenza għall-klassifikazzjoni tat-trattament ta' l-iskart fl-inċineraturi muniċipali sew bħala rkuprar jew sew bħala rimi. Id-deċiżjonijiet li ħarġu s'issa mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja jikklassifikaw il-maġġoranza assoluta ta' l-inċineraturi muniċipali bħala faċilitajiet għar-rimi. Din il-klassifikazzjoni jista' jkollha implikazzjonijiet negattivi bir-riżultat li ssir ħsara lill-ambjent. Per eżempju, l-inċinerazzjoni marbuta ma’ l-irkuprar ta’ l-enerġija s-soltu tkun ikkunsidrata bħala alternattiva għar-rimi ta' l-iskart bijodegradabbli muniċipali fil-*landfills*. Madanakollu, hemm it-tħassib li jekk l-inċinerazzjoni tiġi kklasifikata bl-istess mod bħar-rimi fil-*landfills*, xi awtoritajiet lokali tista' tiġihom it-tentazzjoni li jużaw l-orħos alternattiva (ir-rimi fil-*landfills*), li dan ukoll se jagħmel ħsara lill-ambjent. Barra minn hekk, l-inċineraturi muniċipali b'effiċjenza ta' enerġija għolja se jiġu ddiskriminati b'mod negattiv meta mqabbla

ma' operazzjonijiet ta' ko-inċinerazzjoni b'effiċjenza ta' enerġija simili iżda b'kontrolli ta' emissjonijiet aktar stretti.

Definizzjoni ta' rkuprar li tikkunsidra li l-enerġija li jipproduċi inċineratur jissostitwixxi l-użu ta' riżorsi f'impjanti ta' l-elettriku se tirrifletti aħjar il-vantaġġi ambjentali ta' l-inċinerazzjoni. Madanakollu, l-effiċjenza ta' l-enerġija ta' inċineraturi muniċipali tista' tvarja b'mod drammatiku. B'ammonti baxxi ta' l-effiċjenza ta’ l-enerġija, l-inċinerazzjoni jaf ma tkunx iktar vantaġġuża mil-*landfill*. B’ammont għolja ta’ l-effiċenzja ta’ l-enerġija, l-inċinerazzjoni tista’ tkun vantaġġuża daqs ir-riċiklaġġ mekkaniku jew il-kompostaġġ ta’ ċerti flussi ta’ skart.

Il-Valutazzjoni ta' l-Impatt turi li l-applikazzjoni ta' limitu ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija għall-inċineraturi muniċipali tista' tiġġenera vantaġġi kemm ekonomiċi kif ukoll ambjentali. Id-determinazzjoni tal-livell tal-limitu b'referenza għall-effiċjenza ta' l-impjant li jitmexxa skond BAT (*best available techniques* - l-aqwa tekniċi disponibbli) se jiffaċċilita li jintlaħqu l-miri għat-tnaqqis fl-użu tal-*landfills*.

Il-Kummissjoni qed tipproponi emenda għad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart sabiex tinkludi limitu ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija 'l fuq minn dak li permezz tiegħu l-inċinerazzjoni muniċipali titqies bħala operazzjoni ta’ rkuprar. Il-limitu jieħu l-BAT bħala gwida u jikkunsidra r-rakkomandazzjoni fil-BREF (dokument ta' referenza tal-BAT) dwar l-inċinerazzjoni ta' l-iskart sabiex jintuża fattur ta' ekwivalenza ta' 2.6 sabiex titqabbel l-enerġija f'forma ta' elettriku ma' enerġija f'forma ta' sħana, jiġifieri 1 kWh ta' elettriku hu ekwivalenti għal 2.6 kWh ta' sħana, b'fattur ta' 1.1 għat-tisħin distrettwali.

Din il-proposta se tippromwovi t-tnaqqis fl-użu tal-*landfills* u l-użu tal-BAT għall-irkuprar ta' l-enerġija mill-iskart maħruq fl-inċineraturi. Din se tippermetti wkoll it-titjib kontinwu ta' l-effiċjenza ambjentali ta' dan it-tip ta' rkuprar ta’ enerġija peress li l-limitu ta' l-effiċjenza se tkun analizzata regolarment sabiex jiġi riflettat il-progress teknoloġiku.

Din il-kjarifikazzjoni ta' definizzjonijiet għandha tiffaċilita l-funzjonament ta' suq intern għar-riċiklaġġ li japplika standards għolja ambjentali. Fl-istess ħin, huwa meħtieġ li tkompli issir reviżjoni tas-sitwazzjoni.

Eżempju ieħor tat-tip ta' kwistjonijiet li din is-sistema se tkun tista' tindirizza huma l-każijiet fejn l-użu ta' materjal ta' l-iskart għall-kostruzzjoni tal-*landfills* jista' jitqies bħala operazzjoni ta' rkuprar.

Id-definizzjoni tar-riċiklaġġ

Definizzjoni tar-riċiklaġġ għandha tiġi introdotta fid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart sabiex isservi bħala gwida fid-definizzjoni tal-politika u l-miri.

Miżuri oħra ta' simplifikazzjoni

Bil-għan li tittejjeb ir-regolazzjoni:

– kontrobilanċi bejn il-proċeduri tal-permessi stipulati fid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart u d-Direttiva dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati ta' l-Iskart se jitneħħew permezz ta' indikazzjoni jekk ikun hemm permess taħt IPPC ma jkunx hemm bżonn ta' permess dwar l-iskart ieħor;

– id-Direttiva 91/689/KEE dwar l-Iskart Perikoluż se tiġi inkorporata fid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart bil-għan li jiġu ċċarati u jitneħħew kontrobilanċi u dispożizzjonijiet li għadda żmienhom;

– il-Kummissjoni se tintroduċi f'2006 konsolidazzjoni tat-tliet Direttivi dwar l-iskart mill-industrija tad-dijossidu tat-titanju, bl-aġġornament ta' dispożizzjonijiet u t-tneħħija ta' dispożizzjonijiet li għadda żmienhom.

Il-Kummissjoni se tikkunsidra regolazzjoni aħjar fir-reviżjoni tad-direttivi dwar l-iskart stipulati fil-leġiżlazzjoni ta' l-UE dwar l-iskart, per eżempju fejn jidħlu d-direttivi dwar l-inċinerazzjoni, ELV, ir-rimi fil-*landfills*, id-direttivi tad-WEEE, u tar-restrizzjoni ta' l-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (RoHS), u, fil-kuntest ta' reviżjoni sistematika tal-leġiżlazzjoni ta' l-iskart ta' l-UE, se tipproponi emendi għal-leġiżlazzjoni eżistenti ta' l-UE, kif jaqbel.

2. L-INTRODUZZJONI TA' MENTALITA BBAŻATA FUQ IĊ-ĊIKLU TAL-ĦAJJA FIL-POLITIKA DWAR L-ISKART

Il-vantaġġi ambjentali ta' politika dwar l-iskart huma kumplessi peress li jiġu f'stadji differenti taċ-ċiklu tal-ħajja u f'forom differenti, u konsegwentement il-kwantifikazzjoni u t-tqabbil tagħhom jistgħu jkunu diffiċli. Minkejja dan, il-politika dwar l-iskart għandha tikkontribwixxi għat-tnaqqis ta' l-impatt ambjentali fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tar-riżorsi. F'ħhafna każi dan ifisser biss l-użu tas-sens komun sabiex tiġi eżaminata l-istampa l-kbira, iżda kultant ifisser l-użu ta' strumenti ta' valutazzjoni bħall-valutazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja.

Il-Kummissjoni tipproponi li jiġu ċċarati l-għanijiet tal-politika dwar l-iskart taħt id-Direttiva ta' Qafas sabiex tiġi applikata mentalità bbażata fuq iċċ-ċiklu tal-ħajja b'mod espliċitu. Il-politika ta' l-UE dwar l-iskart għandu jkollha bħala għan it-tnaqqis ta' l-impatt ambjentali negattiv tal-ġenerazzjoni ta' l-iskart u li tikkontribwixxi lejn tnaqqis totali fl-impatt ambjentali ta' l-użu tar-riżorsi.

3. IT-TITJIB TAL-BAŻI TA' L-GĦARFIEN

Il-mentalità bbażata fuq iċ-ċiklu tal-ħajja titlob titjib tal-bażi ta' l-għarfien dwar l-impatt ta' l-użu tar-riżorsi, il-ġenerazzjoni u l-ġestjoni ta' l-iskart u previżjonijiet u mudellar aktar sistematiċi.

Din se tkun provduta l-iktar permezz tal-mekkaniżmu deskritt fl-Istrateġija Tematika dwar ir-riżorsi u permezz ta' inizjattivi meħuda fil-kuntest ta' Politika dwar il-Prodott Integrat. Barra minn hekk, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, Eurostat u ċ-Ċentru għar-Riċerka Konġunta kollha se jkomplu jagħtu sehem fil-bini ta' bażi robusta ta' l-għarfien xjentifiku u ekonomiku dwar il-politika dwar l-iskart.

Pass ieħor importanti se jkun id-definizzjoni, b'konsultazzjoni mal-komunità xjentifika u dik tal-partijiet interessati, ta' linji gwida bażiċi sabiex strumenti taċ-ċiklu tal-ħajja jkunu jistgħu jiġu użati faċilment fit-tfassil tal-politika dwar l-iskart, bi strateġija u metodoloġija li dwarhom intlaħaq qbil. L-għan hu li l-użu ta' dawn l-istrumenti jsir aktar faċli fid-deċiżjonijiet ta' politika fuq il-livelli kollha, minn dak lokali sa dak Ewropew.

4. IL-PREVENZJONITA' L-ISKART

Il-potenzjal għall-prevenzjoni ta' l-iskart jiddependi fuq għadd ta' fatturi - tkabbir ekonomiku, il-punt sa fejn diġà waslu l-operaturi ekonomiċi fl-adozzjoni ta' l-aħjar prattika fit-tnaqqis tal-ġenerazzjoni ta' l-iskart eċċ. Il-prevenzjoni tista' biss issir billi jiġu influwenzati deċiżjonijiet prattiċi li jittieħdu fid-diversi stadji taċ-ċiklu tal-ħajja: kif ikun iddisinnjat, manifatturat, offrut lill-konsumatur u finalment kif jiġi użat il-prodott. Il-produzzjoni ta’ l-iskart muniċipali hija affetwata wkoll mill-imġiba tal-konsumatur li hija relatata ma’ l-istruttura soċjali, id-dħul personali u l-ġid tas-soċjetà.

Din l-istrateġija ma tistipulax miri ta' l-UE għall-prevenzjoni ta' l-iskart peress li dan mhux l-aktar metodu effettiv u effiċjenti mil-lat ambjentali sabiex titrawwem il-prevenzjoni ta' l-iskart. Dan hu minħabba l-fatt li dawn il-miri ma jindirizzawx il-kumplessità ta' l-impatt ambjentali: il-piż ta' l-impatt jista' jitnaqqas iżda l-impatt ambjentali jista' jikber, filwaqt li tnaqqis zgħir fil-piż jista' jġib tnaqqis kbir fl-impatt ambjentali. Barra minn hekk, politika ta' prevenzjoni għandha tqis xejriet nazzjonali ta' produzzjoni u konsum, ix-xejriet tagħhom previsti u r-relazzjoni ta' dawn mat-tkabbir ekonomiku.

Din l-istrateġija tistipula trattament koordinat għall-prevenzjoni ta' l-iskart li se jikkonċentra l-politika ta' prevenzjoni fit-tnaqqis ta' l-impatt ambjentali u jfassal qafas għal politika nazzjonali speċifika. Għandha tittieħed azzjoni dwar il-prevenzjoni ta' l-iskart fuq il-livelli kollha tat-tmexxija. Fuq il-livell Ewropew, id-Direttiva dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis (IPPC) tista' tagħti kontribut kbir għall-prevenzjoni ta' l-iskart. BREFs żviluppati taħt IPCC jipprovdu informazzjoni utli dwar il-prevenzjoni ta' l-iskart. Dawn l-aspetti tal-BREFs għandhom jiġu msaħħa u l-Istati Membri, l-industrija u l-partijiet interessati l-oħra għandhom ibiddlu l-informazzjoni dwar l-aħjar prattika b'mod iktar regolari. Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li teżamina mill-ġdid il-kwistjoni dwar l-iżvilupp ta' qafas għal inizjattivi ta' disinn ambjentali fil-kwadru ta' Politika dwar il-Prodott Integrat.

Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' prevenzjoni se jkollhom jittieħdu fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali. Dawn jistgħu jinkludu miri ta' prevenzjoni ta' l-iskart. Id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart se jiġi emendat sabiex tiġi ċċċarata l-obbligazzjoni ta' l-Istati Membri li jiżviluppaw programmi ta' prevenzjoni ta' l-iskart li jkunu disponibbli pubblikament, fil-kuntest tal-produzzjoni u l-konsum sostenibbli.

5. LEJN SOĊJETÀ EWROPEA LI TIRRIĊIKLA L-ISKART

Minħabba li r-riżorsi li jidħlu fis-suq, illum jew għada se jsiru skart, u kwalunkwe attività ta' produzzjoni tiġġenera xi forma ta' skart, jinħtieġu miżuri sabiex l-iskart jerġa' jidħol fiċ-ċiklu ekonomiku. Is-settur tar-riċiklaġġ jeħtieġ ambjent regolatorju li jħeġġeġ attivitajiet ta' riċiklaġġ.

Ix-xejra kurrenti hi dik ta' żjieda ta' kontrolli u restrizzjonijiet fuq il-ġarr ta' l-iskart fis-suq intern. Dan mhux se jtejjeb b'mod drammatiku is-sitwazzjoni ambjentali u jista' jwassal għal leġiżlazzjoni dettaljata u l-mikroġestjoni ta' l-iskart fuq livell nazzjonali jew reġjonali. Dan jista' jnaqqas id-disponibilità ta' l-iskart li jista' jiġġi riċiklat għall-industrija fl-UE, speċjalment fl-Istati Membri ż-żgħar. Sabiex titwaqqaf din ix-xejra hemm bżonn ta' kundizzjonijiet uniformi għall-attivitajiet ta' riċiklaġġ fl-UE kollha. Ir-riċiklaġġ inniffsu għandu jkun nadif mil-lat ambjentali u dan jeħtieġ l-introduzzjoni ta' l-istandards.

Filwaqt li f'ċerti każi l-forzi tas-suq kattru l-iżvilupp tar-riċiklaġġ, l-indikazzjonijiet tas-suq is-soltu jimbuttaw lejn ir-rimi ta' l-iskart. Għalhekk hemm il-ħtieġa ta' inċentivi għar-riċiklaġġ u l-irkuprar ta' l-iskart. Strumenti ekonomiċi u taxxi nazzjonali fuq l-użu tal-*landfills* għandhom potenzjal għoli f'dan ir-rigward.

Kundizzjonijiet uniformi għar-riċiklaġġ

Il-bini ta' suq intern għar-riċiklaġġ li japplika standards għoljin ambjentali jkollu l-vantaġġ li jferrex il-prattika tajba mal-medda ta' l-UE kollha u tgħin ukoll l-industrija tar-riċiklaġġ billi tippermettilha li tiggwadanja mis-suq intern.

Għadd ta' miżuri se jikkumplementaw il-leġiżlazzjoni eżistenti u jippermettu l-UE to timla l-vojt fejn jidħlu l-istandards ta' l-iskart. Dawn jinkludu:

– l-introduzzjoni ta' kriterji ta' effiċjenza għal proċessi magħżula ta’ rkuprar taħt id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart u l-iżvilupp ta' linji gwida għall-applikazzjoni ta' ċerti dispoizzjonijiet tar-Regolazzjoni dwar il-Ġarr ta' l-Iskart sabiex jiġi mrażżan l-irkuprar fittizju;

– it-tixrid tal-prattika tajba permezz ta' standards minimi fid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart għal proċessi rilevanti ta’ rkuprar u l-estenzjoni ta' l-ambitu tad-Direttiva IPPC għal attivitajiet magħżula tal-ġestjoni ta' l-iskart;

– iż-żjieda ta' dispożizzjoni fid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart li jippermetti l-adozzjoni ta' kriterji ambjentali fil-każ ta' ċerti flussi ta' skart sabiex jiġi speċifikat meta ma jaqgħux iżjed fl-ambitu tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart iżda jkunu kkunsidrati minflok bħala prodotti.

Skambju mtejjeb ta' l-informazzjoni dwar taxxi nazzjonali fuq ir-rimi

Ħafna jaqblu li t-taxxi fuq ir-rimi huma effikaċji fil-prezz u jistgħu jwasslu għal titjib drammatiku fil-ġestjoni ta' l-iskart. Barra minn hekk, differenzi kbar fit-taxxi tar-rimi bejn l-Istati Membri jistgħu jwasslu għal ġarr bla bżonn ta' skart u jolqtu l-kompetizzjoni bejn l-operaturi tal-ġestjoni ta' l-iskart fid-diversi Stati Membri.

Hekk kif il-prospett li jintlaħaq ftehim dwar azzjoni f'dan il-qasam fuq livell ta' UE hu limitat, l-ewwel pass għandu jkun li l-Istati Membri jiġu mħeġġġa sabiex jużaw dan it-tip ta' strument ekonomiku fuq livell nazzjonali. Il-Kummissjoni tinkuraġġixxi lill-Istati Membri biex jaqsmu l-informazzjoni dwar l-approċċi tagħhom għat-taxxi fuq ir-rimi filwaqt li jżommu lill-Kummissjoni infurmata b'kollox.

Metodi ġodda sabiex jitkattar ir-riċiklaġġ

Id-Direttivi dwar ir-Riċiklaġġ li ġew adottati matul l-aħħar għaxar snin qed jiffaċilitaw it-tqegħid u l-iffinanzjar ta' l-infrastruttura għal flussi kbar ta' skart. Madanakollu, hu diffiċli li l-applikazzjoni ta' dan it-trattament tiġi ġġustifikata għal sensiela ġdida ta' flussi ta' l-iskart. Għal flussi żgħar ta' skart, jew dawk b'inqas impatt ambjentali, dan it-trattament jista' joħloq piżijiet amministrattivi tqal meta mqabbla mal-gwadann ekonomiku li jista' jinkiseb.

Madanakollu, jekk l-organizzazzjoni u l-promozzjoni tar-riċiklaġġ għal kull fluss ta' skart se jitħallew f'idejn is-suq, mhux se jkun possibbli li ngawdu mill-benefiċċji ambjentali kollha li jista' joffri r-riċiklaġġ. Filwaqt li l-prijorità preżenti hi li tkun żgurata implimentazzjoni totali

tad-Direttivi ta' l-UE dwar ir-riċiklaġġ, il-bżonn għall-futur hu trattament komplementari li fl-istess ħin ikollu ambitu aktar flessibbli u wiesa'. Ir-reviżjoni ta' din l-istrateġija se tassessja l-bżonn għal aktar miżuri għall-promozzjoni tar-riċiklaġġ. B'mod partikolari, din se tikkonsidra trattament ibbażat aktar fuq il-materjal, possibilment bl-użu tar-responsabbiltà tal-produttur. Dan jinvolvi li jkun assessjat jekk huwiex probabbli li s-suq jimxi bl-iżvilupp tar-riċiklaġġ ta' xi materjal b'mod adegwat waħdu jew jekk humiex meħtieġa miżuri sabiex jingħelbu l-ostakli għar-riċiklaġġ. F'dan il-kuntest, tista' tiġi kkunsidrata sensiela wiesgħa ta' miżuri, u l-kunsiderazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja se tikkontribwixxi sabiex jiġi żgurat li l-vantaġġi ambjentali tar-riċiklaġġ jinkisbu bl-inqas spiża possibbli.

Il-miri ta' riċiklaġġ

Il-miri ta' riċiklaġġ u rkuprar huma wżati f'għadd ta' Direttivi ta' l-UE dwar l-Iskart. Ir-reviżjoni riċenti tal-miri ta' riċiklaġġ li hemm fid-Direttiva dwar l-imballaġġ u l-iskart ta' l-imballaġġ uriet l-importanza li jiġu applikati miri f'livelli xierqa li jkunu fi proporzjon ma' l-ambitu tad-definizzjoni kif ukoll li jitqiesu d-dettalji speċifiċi ta' kull materjal. Mingħajr analiżi bħal din, iqum ir-riskju li jiġu applikati miri li jippromwovu proċessi li m'għandhom l-ebda vantaġġ ambjentali jew vantaġġi minimi, jew li ma jirnexxilhomx jippromwovu teknoloġiji li jistgħu jwasslu għal vantaġġi ambjentali konsiderevoli iżda li jsibuha diffiċli biex jidħlu fis-suq.

Minħabba dawn il-kumplessitajiet, il-livell ta' miri għandu jiġi determinat billi jiġi kkunsidrat l-ambitu tad-definizzjoni tar-riċiklaġġg għad-diversi materjali kif sar diġà fil-każ tal-verifika tal-miri tad-Direttivi dwar l-Imballaġġ, u għandu jikkonsidra l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull materjal. Proposti futuri għal miri ta' riċiklaġġ u rkuprar ġodda għandhom jottimizzaw l-effiċċjenza tal-prezz tar-riċiklaġġ u rkuprar u jevitaw li jippromwovu teknoloġiji inadegwati għal ċerti materali.

Il-ġestjoni tal-bijoskart

L-impatt ewlieni negattiv tal-bijoskart jiġri meta l-bijoskart jintrema ġo *landfill*. Dan jipproduċi l-metanu, gass serra li għandu qawwa ta' 21 darba aktar mid-dijossidu karboniku. Bil-għan li tiġi indirizzata din it-theddida ambjentali, id-Direttiva l-1999/31/KE dwar ir-rimi ta' l-iskart fil-*landfills* tistipula li żewġ terzi ta' l-iskart muniċipali bijodegradabbli ma jistax jintrema fil-*landfills*, u tobbliga l-Istati Membri li jfasslu u jivverifikaw b'mod regolari strateġġiji nazzjonali għall-ġestjoni ta' l-iskart li ma jintremiex fil-*landfills*. L-implimentazzjoni totali ta' dan l-obbligu se jagħti kontribut sinifikanti għat-tnaqqis ta' l-impatt ambjentali tal-bijoskart, b'mod partikolari fejn jidħlu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

Madanakollu, ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-istrateġiji nazzjonali kkonkluda li "wara l-analiżi ta' l-istrateġiji ma joħroġx ċar jekk il-miri għat-tnaqqis ta' rimi fil-*landfills* se jintlaħqu f'dawk l-Istati Membri fejn dan għadu ma sarx. Jidher li se jkun hemm bżonn ta' aktar sforzi sabiex jintlaħqu l-miri. Il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari sabiex tintlaħaq il-mira tas-sena 2006 u tieħu l-miżuri kollha xierqa li jiżguraw li d-Direttiva tiġi implimentata kif suppost"[3].

3 KUMM(2005) 105 - Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar l-istrateġiji nazzjonali għat-tnaqqis ta' l-iskart bijodegradabbli li jintrema fil-*landfills* konformi ma' Artikolu 5(1) tad-Direttiva 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' l-iskart fil-*landfills*.

M'hemmx l-aħjar għażla ambjentali li hi unika għall-ġestjoni tal-bijoskart li ma jintremiex fil-*landfills*. Il-bilanċ ambjentali ta' l-alternattivi diversi disponibbli għall-ġestjoni ta' dan it-tip ta' skart jiddependi fuq għadd ta' fatturi lokali, fost oħrajn is-sistemi ta' kollezzjoni, il-kompożizzjoni ta' u l-kwalità ta' l-iskart, il-kundizzjonijiet tal-klima, l-impatt fuq il-bdil tal-klima, il-potenzjal tal-kompost li jagħti sehem għall-ġlieda kontra d-degradazzjoni tal-ħamrija u kategoriji oħra ta' impatt ambjentali. Għalhekk, strateġiji għall-ġestjoni ta' dan it-tip ta' skart għandhom jiġu ddeterminati mill-Istati Membri fuq il-bażi ta' mentalità bbażata fuq iċ-ċiklu tal-ħajja.

Il-Kummissjoni se toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni ta' mentalità bbażata fuq iċ-ċiklu tal-ħajja għall-ġestjoni tal-bijoskart u se tgħddi dawn il-linji gwida lill-Istati Membri u tistedinhom sabiex jirrevedu l-istrateġiji nazzjonali tagħhom. Dawn il-linji gwida se jgħinu wkoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali li jkunu ġgeneralment responsabbli mit-tfassil tal-pjanijiet dwar il-ġestjoni ta' l-iskart muniċipali.

L-aspetti relatati ma' l-istandards ta' l-iskart jeħtieġu wkoll li jiġu indirizzati fuq il-livell ta' UE. Kriterji dwar il-kwalità tal-kompost se jiġu adottati taħt id-dispożizzjoni dwar it-tmiem ta' l-iskart li hemm propost fid-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart, u l-Kummissjoni se tipproponi li t-trattament bijoloġiku ta' l-iskart jiddaħħal fl-ambitu tad-Direttiva IPPC meta din tiġi riveduta.

Id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE dwar il-protezzjoni ta' l-Ambjent, u b'mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ jintuża fl-agrikoltura se tiġi riveduta bil-għan li jissaħħu l-istandards ta' kwalità li taħthom jiġi permess dan l-użu wara l-adozzjoni ta' l-Istrateġija Tematika dwar il-ħamrija u l-miżuri assoċjati.

Ir-reviżjoni ta' l-istrateġija, b'mod partikolari, se tindirizza l-progress li jkun sar fuq il-ġestjoni tal-bijoskart u tassessja l-ħtieġa ta' miżuri oħra.

Il-ġestjoni taż-żjut ta' skart

Il-mentalità bbażata fuq iċ-ċiklu tal-ħajja ġiet applikata għal-leġiżlazzjoni dwar ir-rimi ta' ż-żejt użat (Direttiva 75/439/KEE).

Din id-direttiva tirregola r-rimi taż-żjut ta' skart u tistipula r-riġenerazzjoni taż-żjut ta' skart. Din il-liġi ma ġietx implimentata sew u għadd ta' każijiet ġew imressqa quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja li tat deċiżjoni kontra ħames Stati Membri. Analiżi riċenti, bl-użu tat-trattament taċ-ċiklu tal-ħajja uriet li l-prijorità li ngħatat lir-riġenerazzjoni taż-żjut ta' skart fuq l-użu bħala fjuwil mhux ġustifikat minn xi vantaġġ ambjentali ċar. Barra minn hekk, ir-rati ta' kollezzjoni taż-żjut ta' skart għadhom baxxi wisq. Għalhekk, filwaqt li r-rimi ħażin taż-żjut ta' skart jista' jkollu impatti negattivi sostanzjali u għandu jiġi evitat, il-liġi attwali mhux qed tikseb ir-riżultati mixtieqa. Għalhekk, din se tiġi abrogata u postha jittieħed minn dispożizzjoni ġdida fi-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart, li se żżomm l-obbligu ta' l-Istati Membri li jiżguraw il-kollezzjoni taż-żjut ta' skart iżda mhux se tagħti prijorità lir-riġenerazzjoni. Dan se jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa ta' l-Istati Membri ta' l-obbligu tal-kollezzjoni li jindirizza l-iktar kwistjoni ambjentali importanti, dik taż-żjut ta' skart.

Il-passi li jmiss : Kalendarju ta’ azzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Tematika dwar il-prevenzjoni u r-riċiklaġġ ta' l-iskart u miżuri u attivitajiet oħra li se jagħtu kontribut

Azzjoni proposta u/jew pjanata taħt l-Istrateġija Tematika dwar il-prevenzjoni u r-riċiklaġġ ta' l-iskart	Żmien
Proposta għal direttiva li temendi d-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart u tabbroga d-Direttiva dwar Iż-żjut ta' skart	Proposta flimkien ma' din l-istrateġija
Rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart ta' l-imballaġġ	2006
Dispożizzjoni tal-miri mfassla taħt id-Direttiva 2000/53/KE dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw	2006
Proposta għal direttiva li tiġbor f'direttiva waħda it-tliet Direttivi dwar l-iskart mill-industrija tad-dijossidu tat-titanju	2006
Pubblikazzjoni ta' linji gwida, ibbażati fuq id-deċiżjonijiet preċedenti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, dwar il-kwistjoni ta' meta l-prodotti sekondarji għandhom jew m'għandhomx jitqiesu bħala skart	2006
Pubblikazzjoni ta' linji gwida għall-Istati Membri dwar l-applikazzjoni ta' mentalità bbażata fuq iċ-ċiklu tal-ħajja għall-ġestjoni ta' l-iskart bijodegradabbli li ma jintremiex ġo *landfills*	2006
Titjib tal-bażi ta' l-għarfien dwar l-impatt ta’ l-użu tar-riżorsi, il-ġenerazzjoni u l-ġestjoni ta’ l-iskart u previżjoni u mudellar aktar sistematiku	Jibda f’2006
Proposta sabiex jiġi ċċarat u mwessa’ l-ambitu tad-Direttiva IPPC għal attivitajiet oħra fil-qasam tal-ġestjoni ta’ l-iskart, inklużi t-trattament bijoloġiku għall-irkuprar ta’ l-iskart u l-preparazzjoni ta’ l-iskart perikoluż għall-inċinerazzjoni u l-fdalijiet ta’ l-inċċinerazzjoni għall-irkuprar	2007, meta d-Direttiva IPPC tkun soġġetta għal reviżjoni ġenerali
Proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE dwar il-protezzjoni ta’ l-Ambjent, u b’mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ jintuża fl-agrikoltura.	2007
Pubblikazzjoni ta’ linji gwida bażiċi sabiex l-istrumenti taċ-ċiklu tal-ħajja jkunu jistgħu jiġu użati faċilment fit-tfassil tal-politika dwar l-iskart, b’trattament u metodoloġija maqbula	2007
Pubblikazzjoni ta’ linji gwida dwar ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Ġarr ta’ l-Iskart sabiex jixxejjen l-irkuprar fittizju	2007

Pubblikazzjoni ta' linji gwida dwar standards ambjentali minimi għall-permes ta' installazzjonijiet li mhumiex koperti mid-Direttiva IPPC u dwar l-aħjar tekniċi disponibbli għat-taħlit ta' l-iskart perikoluż.	2007
Assessjar tas-sitwazzjoni kurrenti u l-bżonn ta' miżuri oħra sabiex jiġi stimulat l-avvanz lejn soċjetà Ewropea li tirriċikla	2007
Reviżjoni tal-miri taħt id-Direttiva 2002/96/KE dwar l-iskart mit-tagħmir elettriku u elettroniku	2008
Adozzjoni ta' l-ewwel sensiela ta' standards ta' kwalità għal meta ċerti flussi ta' skart ma jibqgħux ikunu skart, bl-ewwel ikunu l-kompost u ż-żrar riċiklat	2008 – bil-kondizzjoni li tidħol fis-seħħ id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Iskart riveduta

Miżuri u attivitajiet oħra li se jikkontribwixxu għall-Istrateġija Tematika fil-prevenzjoni u r-riċiklaġġ ta' l-iskart
Żvilupp tas-suq Għadd ta' Stati Membri nedew inizzjattivi għall-iżvilupp tas-suq tar-riċiklaġġ ta' l-iskart, bil-għan li jitneħħew l-ostakli għar-riċiklaġġ u tiżdied id-domanda għall-materjali riċiklati (eż. L-iżvilupp ta' standards, titjib fid-disponibilità ta' informazzjoni aktar rilevanti għas-suq u x-xiri pubbliku). Dawn it-trattamenti jidhru li għandhom xi potenzjal sabiex jikkomplementaw il-politiki ewlenija dwar ir-riċiklaġġ u li jistgħu jiġu adottati f'mapep tat-triq għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar it-Teknoloġġija Ambjentali.
Riċerka u teknoloġija Il-Kummissjoni se tiżgura li l-fondi Ewropej disponibbli għar-riċerka u x-xogħol ta' żvilupp dwar it-teknoloġija ta' l-iskart jindirizzaw aħjar l-impatti ambjentali ewlenin ta' l-iskart.
L-aħjar prattiċi Il-Kummissjoni se tappoġġja t-tixrid u t-trasferiment ta' l-aħjar prattiċi dwar inizjattivi ta' konoxxenza, edukazzjoni u inċentivi u sistemi żviluppati fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali.
Għajnuna ta' l-Istat Dawn il-linji gwida dwar l-għajnuna ta' l-istat għall-ħarsien ta' l-ambjent se jkunu riveduti. Din ir-revizjoni, fost affarijiet oħra, se tiċċara f'liema każijiet tista' tingħata għajnuna mill-istat għas-sostenn ta' attivitajiet ta' riċiklaġġ ta' l-iskart.

Barra minn hekk, ir-reviżjoni ta' l-istrateġija f'2010, jekk ikun hemm il-bżonn, se tidentifika miżuri oħra meħtieġa għall-prevenzjoni ta' l-iskart u tapplika mentalità bbażata fuq iċ-ċiklu tal-ħajja għall-ġestjoni ta' l-iskart u l-avvanz lejn soċjetà Ewropea li tirriċikla.

ANNESS II
DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. ISEM IL-PROPOSTA:

Strateġija Tematika dwar il-prevenzjoni u r-riċiklaġġ ta' l-iskart

2. QAFAS ABM / ABB

Qasam ta' Politika: 07 – Ambjent

Attività: 07 04 – Implimentazzjoni tal-politika ambjentali

3. LINJI TAL-BAĠIT

3.1. Linji tal-Baġit (linji operattivi u linji ta' assistenza teknika u amministrattiva relatati (ex- linji B..A)) li jinkludu l-intestaturi :

07 01 04 01 – Leġiżlazzjoni, tqajjim ta' kuxjenza u azzjonijiet ġenerali oħra bbażati fuq il-programmi ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam ta' l-ambjent – Nefqa fuq ġestjoni amminstrattiva

07 04 02 – Tqajjim ta' kuxjenza u azzjonijiet ġenerali oħra bbażati fuq il-programmi ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam ta' l-ambjent

3.2. Tul ta' l-azzjoni u ta' l-impatt finanzjarju:

L-istrateġija għandha medda ta' żmien ta' 10 snin (2005-2015). Id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva preżenti tkopri l-aspetti finanzjarji marbuta ma' l-ewwel ħames snin (2005-2010).

3.3. Karatteristiċi tal-baġit

Linja tal-baġit	Tip ta' nefqa		Ġdid	Kontrbuzzjoni ta' l-EFTA	Kontribuzzjoniji et mill-pajjiżi applikanti	Intestatura fil-perspettivi finanzjarji
07 04 02	Mhux obbligatorja	Diff[4]	LE	LE	LE	**Nru** 3

[4] Approprjazzjonijiet differenzjati.

4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

Il-ħtiġijiet għal riżorsi umani u amministrattivi għandhom ikunu koperti bl-allokazzjoni li tingħata lid-DĠ li jkun qed jimmaniġġja (DĠ Ambjent) fil-qafas tal-proċedura annwali tal-baġit.

4.1. Riżorsi Finanzjarji

4.1.1. Sommarju ta' l-approprjazzjonijiet għall-impenji (AI) u ta' l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet (AĦ)

Miljuni ta' EUR (sa 3 postijiet deċimali)

Tip ta' nefqa	Numru tas-sezzjoni		Sena 2005	2006	2007	2008	2009	2010	Total
Nefqa operattiva[5]									
Approprjazzjonijiet għall-impenji (AI)	8.1	a		0.230	0.380	0.230	0.230	0.080	1.150
Approprjazzjonijiet għall-Ħlasijiet (AĦ)		b		0.130	0.280	0.330	0.230	0.180	1.150
Nefqa amministrattiva inkluża fl-ammont ta' referenza[6]									
Assistenza teknika u amministrattiva (AMD)	8.2.4	c		0	0	0	0	0	0
AMMONT TOTALI TA' REFERENZA									
Approprjazzjonijiet għall-Impenji		**a+c**		0.230	0.380	0.230	0.230	0.080	1.150
Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet		**b+c**		0.130	0.280	0.330	0.230	0.180	1.150
Nefqa amministrattiva mhix inkluża fl-ammont ta' referenza[7]									
Riżorsi umani u nefqa assoċċjata (AMD)	8.2.5	d	0.486	0.486	0.486	0.486	0.486	0.486	2.916

[5] In-nefqa ma taqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titolu xx ikkonċernat.
[6] Nefqa fl-artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.
[7] Nefqa fi ħdan il-kapitolu xx 01 minbarra artikli xx 01 04 jew xx 01 05.

Nefqa amministrattiva, barra r-riżorsi umani u nefqa assoċjata, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (AMD)	8.2.6	e	0.002	0.088	0.088	0.090	0.086	0.084	0.438

Spiża indikattiva finanzjarja totali ta' intervenzjoni

TOTAL ta' AI li jinkludi l-ispiża għar-Riżorsi Umani		a+c +d+ e	0.488	0.804	0.954	0.806	0.802	0.650	4.504
TOTAL AĦ inkluż l-ispiża għar-Riżorsi Umani		b+c +d+ e	0.488	0.704	0.854	0.906	0.802	0.750	4.504

Dettalji ta' ko-finanzjament

Jekk il-proposta tinvolvi l-kofinanzjament minn Stati Membri, jew korpi oħrajn (jekk jogħġbok speċifika liema), stima tal-livell ta' dan il-kofinanzjament għandha tkun indikata fit-tabella hawn taħt (jistgħu jiżdiedu aktar linji jekk korpi differenti huma previsti għall-għoti tal-kofinanzjament)

Miljuni ta' EUR (sa 3 postijiet deċimali)

Il-korp tal-kofinanzjament		Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5	Total
……………………	f							
AI TOTAL inkluż il-kofinanzjament	a+c +d+ e+f							

4.1.2. Kompatibbiltà ma' l-Ipprogrammar Finanzjarju

X Il-proposta hija kompatibbli ma' l-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.

☐ Il-proposta ser tinvolvi l-ipprogrammar mill-ġdid ta' l-intestatura relevanti fil-perspettiva finanzjarja.

☐ Il-proposta tista' teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali[8] (i.e. strument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

4.1.3. Impatt finanzjarju fuq id-dħul

X Il-proposta ma għandhiex impatt finanzjarju fuq id-dħul

☐ Il-proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

Miljuni ta' EUR (sa post deċimali wieħed)

	Qabel l-		Il-qagħda wara l-azzjoni

[8] Ara l-punti 19 u 24 tal-ftehim Interistituzzjonali.

Linja tal-baġit	Revenue	azzjoni[Sena n-1]	[Sena n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5][9]
	a) Dħul f'termini assoluti							
	b) Bidla fid-dħul	*Δ*						

4.2. Riżorsi Umani FTE (li jinkludu uffiċjali, ħaddiema temporanji u esterni) - ara d-dettall taħt punt 8.2.1.

Rekwiżiti annwali:	Sena 2005	2006	2007	2008	2009	2010
Numru totali ta' riżorsi umani	0.486	0.486	0.486	0.486	0.486	0.486

5. KARATTERISTIĊI U GĦANIJIET

5.1. Li għandhom jintlaħqu fiż-żmien fil-qosor jew fit-tul

Li jiġi indirizzat it-tħassib ambjentali marbut mal-ġestjoni ta' l-iskart. L-Istrateġija se tniedi azzjonijiet għat-titjib ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart u l-ambjent regolatorju li fi ħdanu se jseħħu l-attivitajiet ta' l-immaniġġjar ta' l-iskart.

5.2. Valur miżjud ta' l-involviment tal-Komunità u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħra u sinerġija possibbli

L-immaniġġjar ta' l-iskart huwa attività ekonomika li sseħħ fis-suq intern. L-attività hija regolata ħafna u jeħtieġ strateġiji komuni sabiex tittejjeb l-effiċjenza tas-suq.

5.3. Għanijiet, riżultati mistennija u indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ABM.

L-għan ta' l-istrateġija huwa li jiġu stipulati għadd ta' azzjonijiet li jippermettu t-tnaqqis ta' l-impatti ambjentali ta' l-iskart u jikkontribwixxu għat-tnaqqis ta' l-impatti ambjentali ta' l-użu tar-riżorsi.

Sabiex isir dan, hemm previst għadd ta' azzjonijiet konkreti:

1) Is-simplifikazzjoni u l-modernizzazzjoni ta' l-ambjent regolatorju għall-attivitajiet ta' l-iskart.
2) It-titjib ta' l-għarfien f'dan il-qasam.
3) L-iżvilupp ta' inċentivi għall-promozzjoni tal-prevenzjoni u r-riċiklaġġ ta' l-iskart.

---

[9] Kolonni addizzjonali jistgħu jinżiedu jekk meħtieġ i.e. jekk tul l-azzjoni jaqbeż is-6 snin.

Aktar dettalji dwar ir-riżultati mistennija u l-impatti tagħhom jinsabu fil-Komunikazzjoni u l-valutazzjoni ta’ l-impatt mehmuża miegħu, rispettivament.

5.4. Metodu ta’ Implimentazzjoni (indikattiv)

X ***Ġestjoni Ċentralizzata***

- X direttament mill-Kummissjoni
- ☐ indirettament permezz ta' delegazzjoni lil:
  - ☐ Aġenziji eżekuttivi
  - ☐ korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet hekk kif jissemma fl-Art. 185 tar-Regolament Finanzjarju
  - ☐ korpi nazzjonali tas-settur pubbliku / Korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

☐ ***Ġestjoni bi sħab jew deċentralizzata***

- ☐ ma' l-Istati Membri
- ☐ ma’ Pajjiżi terzi

☐ ***Ġestjoni konġunta ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika)***

Kummenti rilevanti: Il-miżuri previsti skond l-istrateġija se jkunu direttament implimentati mill-Kummissjoni (tnedija ta’ studji, organizzazzjoni ta’ laqgħat, tmexxija tal-kuntratti ta’ servizz eċċ) u mill-Istati Membri (l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet).

6. SUPERVIŻJONI U EVALWAZZJONI

6.1. Sistema ta' sorveljanza

Il-Kummissjoni tipproponi li tirrevedi l-effettività ta' l-Istrateġija Tematika ħames snin wara l-pubblikazzjoni tal-Kommunikazzjoni. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tħejji rapport li se jiġi ppubblikat u ppreżentat lill-Istituzzjonijiet.

6.2. Evalwazzjoni

6.2.1. Evalwazzjoni ex-ante

L-Istrateġija Tematika kienet is-suġġett ta' Valutazzjoni ta' l-Impatt li se tiġi ppubblikata fl-istess ħin ta' l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni.

6.2.2. Miżuri meħuda wara evalwazzjoni intermedjarja/ex-post (lezzjonijiet miksuba permezz ta' esperjenzi simili fil-passat)

L-approċċ ta' tfassil ta' politika permezz ta' l-għodda ta' l-Istrateġija Tematika hija xi ħaġa ġdida introdotta mis-Sitt Programm Ta' Azzjoni Ambjentali[10]. Madankollu, il-miżuri f'din l-istrateġija speċifika ma jmorrux lil hinn mill-prassi amministrattiva normali (tnedija ta' studji, organizzazzjoni ta' laqgħat ta' l-esperti, kuntratti ta' servizz ta' ammonti ta' flus relattivament żgħhar) li għalihom hemm proċeduri xierqa ta' salvagwardja finanzjarja.

6.2.3. Termini u frekwenza ta' l-evalwazzjoni fil-ġejjieni

Il-Kummissjoni tipproponi li tirrevedi l-effettività ta' l-Istrateġija Tematika ħames snin wara l-pubblikazzjoni tal-Kommunikazzjoni. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tħejji rapport li se jiġi ppubblikat u ppreżentat lill-Istituzzjonijiet.

7. MIŻURI KONTRA L-FRODI

L-attivitajiet proposti jikkonsistu biss f'nefqa għall-istaff, il-laqgħat ta' l-esperti u l-kuntratti għall-istudju. Ta' l-aħħar se jkunu soġġetti għall-mekkaniżmi ta' kontroll li l-Kummissjoni tħaddem is-soltu u għalhekk m'hemmx bżonn ta' aktar miżuri kontra l-frodi.

B'mod partikolari, il-benefiċjarji u l-kuntratturi potenzjali għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u jipprovdu evidenza dwar kemm huma sodi finanzjarjament u legalment. Għall-għotjiet, huma meħtieġa jfornu dikjarazzjonijiet proviżorji tad-dħul u l-infiq marbuta mal-proġett/l-attività li għalihom ikun mitlub il-finanzjament. Il-ħlasijiet isiru fuq il-bażi tat-termini u l-kundizzjonijiet marbuta mal-ftehim dwar l-għotja u fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet tad-dħul u ta' l-infiq iċċertifikati kif xieraq mill-benefiċjarju u vverifikati mis-servizz rilevanti tal-Kummissjoni. Kontrolli fuq il-post huma wkoll possibbli u l-benefiċjarji

---

10 Deċiżjoni Nru. 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 22 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi s-Sitt Programm ta' Azzjoni ta' Ambjent tal-Komunità.

huma meħtieġa li jżommu d-dettali u d-dokumenti ta' apoġġ kollha għal perjodu ta' ħames snin wara t-tlestija tal-proġett.

8. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

8.1. Għanijiet tal-proposta f'termini ta' l-ispiża finanzjarja tagħhom

Approprjazzjonijiet għall-impenji f'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

(L-Intestaturi ta' l-Għanijiet, l-azzjonijiet u l-outputs għandhom jiġu pprovduti)	**Tip ta' output**	**Spiża medja**	**Sena 2005**		**Sena 2006**		**Sena 2007**		**Sena 2008**		**Sena 2009**		**Sena 2010**		**TOTAL**	
			Nru ta' outputs	Spiża totali	Nru ta' outputs	Spiża totali	Nru ta' outputs	Spiża totali	Nru ta' outputs	Spiża totali	Nru ta' outputs	Spiża totali	Nru ta' outputs	Spiża totali	Nru ta' outputs	Spiża totali
GĦAN[11]																
Tħejjija tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jadottaw il-miżuri ta' implimentazzjoni																
- Konsulenzi mill-esperti	Rapporti	0.040			2	0.080	2	0.080	2	0.080	2	0.080	2	0.080	8	**0.400**
- Studji	Rapporti	0.150			1	0.150	2	0.300	1	0.150	1	0.150			5	**0.750**
SPIŻA TOTALI						**0.230**		**0.380**		**0.230**		**0.230**		**0.080**		**1.150**

11 Kif deskritt taħt is-Sezzjoni 5.3.

8.2. Nefqa Amministrattiva

8.2.1. Numru u tipi ta' riżorsi umani

Tipi ta' kariga		Staff li għandu jiġi assenjat għall-ġestjoni ta' l-azzjoni permezz ta' riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali (**numru ta' karigi/FTEs**)					
		Sena 2005	Sena 2006	Sena 2007	Sena 2008	Sena 2009	Sena 2010
Uffiċjali jew staff temporanju [12] (XX 01 01)	A*/AD	3.5	3.5	3.5	3.5	3.5	3.5
	B*, C*/AST	1	1	1	1	1	1
Staff iffinanzjat mill-Artikolu XX 01 02 [13].							
Staff ieħor[14] iffinanzjat mill-Art XX 01 04/05							
TOTAL		4.5	4.5	4.5	4.5	4.5	4.5

8.2.2. Deskrizzjoni tal-ħidmiet li rriżultaw mill-azzjoni

Il-ħidmiet li se jitwettqu jidħlu fil-prassi amministrattiva normali u jinkludu t-tnedija ta' studji, l-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' esperti, il-ġestjoni tal-kuntratti ta' servizz, u ħwejjeġ bħal dawn.

8.2.3. Sorsi ta' riżorsi umani (statutorji)

X Karigi attwalment allokati lill-ġestjoni tal-programm li għandhom jinbidlu jew jiġu estiżi

☐ Postijiet allokati minn qabel fi ħdan l-eżerċizzju APS/PDB għas-sena n

☐ Karigi li għandhom jintalbu għħall-proċedura APS/PDB li jmiss

☐ Karigi li għandhom jiġu organizzati mill-ġdid permezz tar-riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ta' tmexxija (organizzazzjoni interna mill-ġdid)

☐ Karigi meħtieġa għal sena n madankollu mhumiex ippjanati għal eżerċizzju APS/PDB għas-sena in kwistjoni

8.2.4. Nefqa amministrattiva oħra inkluża fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 –Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva)

Miljuni ta' EUR (sa 3 postijiet deċimali)

---

[12] Spiża li MHIX koperta mill-ammont ta' referenza.
[13] Spiża li MHIX koperta mill-ammont ta' referenza.
[14] Spiża li hija inkluża fl-ammont ta' referenza.

Linja tal-baġit (numru u intestatura)	Sena 2005	Sena 2006	Sena 2007	Sena 2008	Sena 2009	Sena 2010	TOTAL
1 Għajnuna teknika u amministrattiva (fosthom spejjeż marbuta ma' l-istaff)							
Aġenziji eżekuttivi[15]							
Assistenza teknika u amministrattiva oħra:							
- intra muros							
- extra muros							
Total għal Assistenza teknika u amministrattiva							

8.2.5. Spiża finanzjarja għar-riżorsi umani u spejjeż assoċjati mhux inklużi fl-ammont ta' referenza

Miljuni ta’ EUR (sa 3 postijiet deċimali)

Tip ta' riżorsi umani	Sena 2005	Sena 2006	Sena 2007	Sena 2008	Sena 2009	Sena 2010
Uffiċjali u staff temporanju (XX 01 01)	0.486	0.486	0.486	0.486	0.486	2.430
Staff iffinanzjat mill-Artikolu XX 01 02 (awżiljarju, END, kuntratt tal-staff, eċċ.) (speċifika l-linja tal-baġit)						
Spiża totali għar-Riżorsi Umani u spejjeż assoċjati (MHUX fl-ammont ta’ referenza)	0.486	0.486	0.486	0.486	0.486	2.430

Kalkolu: ***- Uffiċjali u Aġenti temporanji***

Kull FTE huwa ggradat għal €108,000 fis-sena.

Kalkolu – ***Staff iffinanzjat taħt l-Art XX 01 02***

8.2.6 Nefqa amministrattiva oħra li mhix inkluża fl-ammont ta' referenza

---

[15] Għandha ssir referenza għad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva speċifika għall-Aġenzija/i Eżekuttiva/i kkonċernati.

Miljuni ta' EUR (sa 3 postijiet deċimali)

	Sena 2005	Sena 2006	Sena 2007	Sena 2008	Sena 2009	Sena 2010	TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missionijiet	0.002	0.008	0.008	0.010	0.006	0.004	0.038
XX 01 02 11 02 – Laqgħat u Konferenzi							
XX 01 02 11 03 – Kumitati[16]		0.080	0.080	0.080	0.080	0.080	0.400
XX 01 02 11 04 – Studji u konsulenzi							
XX 01 02 11 05 - Sistemi ta' informazzjoni							
2 Total ta' Infiq ieħor ta' Ġestjoni (XX 01 02 11)	0.002	0.088	0.088	0.090	0.086	0.084	0.438
3 Nefqa ieħor ta' natura amministrattiva (speċifika billi tinkludi referenza għal-linja tal-baġit)							
Total tan-nefqa amministrattiva, barra r-riżorsi umani u spejjeż assoċjati (MHUX inkluż fl-ammont ta' referenza)	0.002	0.088	0.088	0.090	0.086	0.084	0.438

Kalkolu – ***Nefqa amministrattiva oħra <u>mhux</u> inkluża fl-ammont ta' referenza***
Wieħed jassumi li l-missjoni medja tqum €1,000.

[16] Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li għalih jappartjeni.